# Id-dehra tal-Infern

*Ralph Micallef*



Fost affarijiet oħra, fid-dehra tat-13 ta' Lulju 1917, il-Madonna qalet:

"Issagrifikaw lilkom infuskom għall-midinbin u għidu għal ħafna drabi, b'mod speċjali waqt xi sagrifiċċju: O Ġesù, dan hu għall-imħabba tiegħek u b'riparazzjoni għad-dnubiet magħmula kontra l-Qalb Bla Tebgħa ta' Marija". Filwaqt li l-Madonna qalet dawn l-aħħar kelmiet, reġgħet fetħet idejha, kif kienet għamlet fix-xahrejn ta' qabel. Ir-raġġi tad-dawl kienu qishom jinfdu l-art, u rajna bħal baħar tan-nar. Mitfugħin f'dan in-nar kien hemm xjaten u erwieħ f'forma umana, bħal ġamar trasparenti, imġemmdin jew kulur il-bronż maħruq, jgħumu fil-ħruq, issa mgħollija 'l fuq bil-fjammi li kienu ħerġin minnhom stess, flimkien ma' sħab kbir ta' duħħan, issa jerġgħu lura fuq kull naħa bħal xrar f'nirien kbar, bla piż u ekwilibriju, fost twerżiqa u krib u uġigħ u disperazzjoni, li tterrorizzana u ġegħilna nirtogħdu bil-biża'. (Naħseb li kienet din id-dehra li ġegħlitni nwerżaq, għax in-nies qalu li semgħuni). Ix-xjaten kienu jingħarfu għax kienu terribli u jimbuttawk u jixbħu annimali tal-biża' li qatt ma rajna bħalhom, suwed u trasparenti bħall-faħam qiegħed jaqbad. Imbeżżgħin u bħallikieku biex nitolbu l-għajnuna, ħarisna lejn il-Madonna li qaltilna, bil-ħniena u ddispjaċuta:

"Għadkom kemm rajtu l-infern, fejn imorru l-imsejkna midinbin. Biex isalvahom, Alla jixtieq jistabbilixxi fid-dinja, id-devozzjoni lejn il-Qalb Bla Tebgħa ta' Marija. Jekk tagħmlu li ngħidilkom ħafna erwieħ isalvaw u jkun hawn il-paċi. Il-gwerra se tispiċċa; iżda jekk in-nies jibqgħu joffendu 'l Alla, tfaqqa' oħra agħar fil-Pontifikat ta' Piju XI. Meta taraw il-lejl mixgħul b'dawl li ma tafux x'inhu, kunu afu li dan ikun sinjal kbir mogħti lilhom minn Alla biex jurikom li se jikkastiga d-dinja għad-dnubiet u għad-delitti tagħha, bil-gwerra, bil-ġuħ, u bil-persekuzzjoni tal-Knisja u tal-Papa. Biex dan ikun evitat, se niġi nitlob li r-Russja tkun ikkonsagrata lill-Qalb Bla Tebgħa tiegħi, kif ukoll li kull l-Ewwel Sibt tax-Xahar issir it-Tqarbina ta' Riparazzjoni. Jekk isir dan, ir-Russja tikkonverti u jkun hawn il-paċi, jekk le, l-iżbalji tagħha jitferrxu mad-dinja kollha u jġibu gwerer u persekuzzjonijiet għall-Knisja. It-tajbin ikunu mmartirizzati, il-Papa se jkollu jbati ħafna, nazzjonijiet diversi jinqerdu. Fl-aħħar il-Qalb Bla Tebgħa tiegħi tirbaħ. Il-Papa jikkonsagra r-Russja lili, u hi tikkonverti u perjodu





ta' paċi jkun iggarantit lid-dinja. Fil-Portugall, id-domna tal-fidi tkun ippreservata; eċċ…Tgħid b'dan lil ħadd. Lil Franġisku, iva, tista' tgħidlu. "Meta tgħidu r-Ružarju, wara kull misterju għidu: Ġesù tiegħi, aħfrilna dnubietna, eħlisna min-nar tal-infern. Ħu l-Ġenna l-erwieħ kollha speċjalment lil dawk li l-aktar għadhom bżonn tal-ħniena tiegħek."

Wara dan, kien hemm mument ta' silenzju u mbagħad staqsejt:

"Trid xi ħaġa oħra minni?"

"Le, illum ma rrid xejn aktar minnek."

Imbagħad, bħal qabel, il-Madonna bdiet tielgħa lejn il-Lvant, sakemm fl-aħħar sparixxiet fid-distanzi enormi tal-firmament.

SUPER LINE

Feeds & Garden Centre

St. Joseph Street, Il-Mellieħa

Tel: 2152 3060 – 9982 3107 – 9947 4700



Abela Norbert Joiners

Craftmanship furniture for clients' special requirements!

59, Taraġ il-Baqquniera,
Triq in-Naħal, Il-Mellieħa - Malta
Tel: 2152 3853, 9947 6620

Jawgura l-Festa t-Tajba lil Kulħadd